31992L0003

12.2.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 35/24

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/3/EURATOM
tat-3 ta' Frar 1992
dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' spedizzjonijiet ta' skart radjoattiv bejn l-Istati Membri u għal ġewwa l-Komunità u barra minnha

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1], imfassla wara li nkisbet l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost esperti xjentifiċi fl-Istati Membri,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi fit-2 ta' Frar 1959 il-Kunsill adotta Direttivi li jistabbilixxu l-i *standards* bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali mill-perikoli kkawżati minn radjazzjoni jonizzanti [4], emendati bid-Direttiva 80/836/Euratom [5] u d-Direttiva 84/467/Euratom [6];

Billi, skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 80/836/Euratom, dawn l-i *standards* bażiċi ta' sigurtà japplikaw fost oħrajn għat-trasport ta' sustanzi radjoattivi naturali u artifiċjali;

Billi, skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/836/Euratom, kull Stat Membru huwa obbligat li jagħmel r-rappurtaġġ ta' attivitajiet li jinvolvu riskju kkawżat minn radjazzjoni jonizzanti; billi, f'dawk il-każi li kull wieħed mill-Istati Membri jkun ħa deċiżjoni fuqhom, dawn l-attivitajiet huma suġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel fid-dawl tal-perikoli li jista' jkun hemm u ta' konsiderazzjonijiet relevanti oħra;

Billi l-Stati Membri konsegwentement stabbilixxew sistemi fi ħdan it-territorji tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 80/836/Euratom li tistabbilixxi *standards* bażiċi skond l-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom; billi, għalhekk, permezz tal-kontrolli interni li l-Istati Membri japplikaw fuq il-bażi ta' regoli nazzjonali konsistenti mal-ħtiġiet eżistenti tal-Komunità u kull ħtieġa internazzjonali relevanti, l-Istati Membri qed ikomplu jiżguraw livell komparabbli ta' protezzjoni ġewwa t-territorji tagħhom;

Billi l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali teħtieġ li l-ispedizzjoni ta' l-iskart radjoattiv bejn Stati Membri u għal ġewwa l-Komunità jew barra minnha jkun suġġett għal sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel; billi din il-ħtieġa taqbel mal-politika ta' sussidjarjetà tal-Komunità;

Billi r-risoluzzjoni tas-6 ta' Lulju 1988 tal-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati tal-Kumitat ta' Inkjesta fuq l-Immaniġġjar u t-Trasport ta' Materjali Nukleari [7] titlob fost affarijiet oħra, regoli Komunitarji komprensivi li jissoġġettaw il-moviment ta' skart nukleari minn fruntiera għal oħra għal sistema ta' kontrolli stretti u awtorizzazzjonijiet mill-punt ta' l-oriġini tiegħu sal-punt tal-ħażna;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 84/631/KEE tas-6 ta' Diċembru 1984 dwar is-sorveljanza u l-kontroll ġewwa l-Komunità Ewropea ta' l-ispedizzjoni ta' skart perikoluż minn fruntiera għal oħra [8] ma tapplikax għall-iskart radjoattiv;

---

(1) ĠU C 210, tat-23.8.1990, pġ. 7.
(2) ĠU C 267, ta' l-14.10.1991, pġ. 210.
(3) ĠU C 168, ta' l-10.7.1990, pġ. 18
(4) ĠU 11, ta' l-20.2.1959, pġ. 221/59.
(5) ĠU L 246, tas-17.9.1980, pġ. 1.
(6) ĠU L 265, tal-5.10.1984, pġ. 4.
(7) ĠU C 235, tat-12.9.1988, pġ. 70
(8) ĠU L 326, tat-13.12.1984, pġ. 31. Id-Direttiva l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/279/KEE (ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, pġ. 13).

Billi bid-Deċiżjoni Nru 90/170/KEE [1] il-Kunsill iddeċieda li l-Komunità għandha tkun Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Basel tat-22 ta' Marzu 1989 dwar il-kontroll ta' spedizzjoni ta' skart perikoluż minn fruntiera għal oħra u r-rimi tiegħu; billi din il-Konvenzjoni ma tapplikax għal skart radjoattiv;

Billi l-Istati Membri kollha ffirmaw il-kodiċi ta' prattika tajba ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika (IAEA) dwar il-moviment ta' skart radjoattiv li jaqsam il-fruntieri internazzjonali;

Billi l-maniġġjar ta' skart radjoattiv jeħtieġ sorveljanza u kontroll inkluża proċedura ta' notifika obbligatorja u komuni għal konsenji ta' skart bħal dan;

Billi jinħtieġu miżuri li jiżguraw kontroll *post-factum* tal-konsenji;

Billi l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fejn ikun se jitwassal l-iskart radjoattiv għandu jkollhom il-facilità li joġġezzjonaw għal konsenji ta' skart bħal dan;

Billi jkun tajjeb ukoll li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' oriġini u ta' l-Istati Membri ta' transitu jkunu jistgħu, skond ċerti kriterji, jistabbilixxu kondizzjonijiet fir-rigward ta' l-ispedizzjoni ta' skart radjoattiv fit-territorju tagħhom;

Billi, sabiex jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mill-perikoli ta' skart bħal dan, iridu jitqiesu r-riskji barra l-Komunità; billi, għalhekk, fil-każ ta' skart radjoattiv li jidħol fi u/jew joħroġ mill-Komunità, il-pajjiż terz ta' destinazzjoni jew oriġini u kull pajjiż terz jew pajjiżi terzi ta' transitu jridu jiġu kkonsultati u infurmati u jridu jagħtu l-kunsens tagħhom;

Billi r-Raba' Konvenzjoni ACP-KEE ffirmata f' Lomè fil-15 ta' Diċembru 1989 tinkludi disposizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw l-esportazzjoni ta' skart radjoattiv mill-Komunità lejn Stati mhux membri tal-Komunità iżda partijiet kontraenti f'dik il-Konvenzjoni;

Billi l-iskart radjoattiv jista' jkun fih materjali nukleari definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 3227/76 tad-19 ta' Ottubru 1976 li jirrigwarda l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar is-salvagwardji ta' l-Euratom [2] u t-trasport ta' sustanzi bħal dawn irid ikun bla ħsara għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-protezzjoni fiżika ta' materjali nukleari (IAEA, 1980),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

Il-kamp ta' l-applikazzjoni

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ispedizzjoni ta' skart radjoattiv bejn Stati Membri u għal ġewwa l-Komunità u barra minnha kull meta l-kwantitajiet u l-konċentrazzjoni jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Artikolu 4, punti (a) u (b) tad-Direttiva 80/836/Euratom.

2. Id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar l-ispedizzjoni mill-ġdid ta' skart bħal dan huma stabbiliti fit-Titolu IV.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

— *"skart radjoattiv"* ifisser kull materjal li fih jew huwa kkontaminat b'radjonuklidi u li għalih ma hemm maħsub ebda użu,

— *"spedizzjoni"* ifisser il-ħidmiet involuti fit-trasport ta' skart radjoattiv mill-post ta' oriġini għall-post ta' destinazzjoni, inklużi t-tagħbija u l-ħatt,

— id-*"detentur"* ta' skart radjoattiv ifisser kull persuna naturali jew ġuridika li, qabel twettaq l-ispedizzjoni, għandha r-responsabbiltà legali għal dawn il-materjali u għandha l-intenzjoni li tibgħathom lil destinatarju,

— il-*"destinatarju"* ta' skart radjoattiv ifisser kull persuna naturali jew ġuridika li tintbagħat dan il-materjal,

— *"post ta' oriġini"* u "post ta' destinazzjoni" ifissru postijiet li jinsabu f'żewġ pajjiżi differenti, fi Stati Membri tal-Komunità jew f' pajjiżi terzi, u għaldaqstant imsejħa "pajjiż ta' oriġini" u "pajjiż ta' destinazzjoni",

— *"awtoritajiet kompetenti"* ifissru kull awtorità li, skond il-liġi jew ir-regolamenti tal-pajjiżi ta' oriġini, transitu jew destinazzjoni, għandhom is-setgħa li jimplimentaw is-sistema ta' sorveljanza u kontroll stabbilita fit-Titoli I sa IV; dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu nnominati skond l-Artikolu 17,

— *"sors issiġillat"* għandu t-tifsira mogħtija fid-Direttiva 80/836/Euratom.

Artikolu 3

Il-ħidmiet tat-trasport meħtieġa għall-ispedizzjoni għandhom jikkonformaw mad-disposizzjonijiet Komunitarji u nazzjonali u mal-ftehim internazzjonali dwar it-trasport ta' materjal radjoattiv.

TITOLU II

L-ispedizzjoni bejn l-Istati Membri

Artikolu 4

Id-detentur ta' skart radjoattiv li għandu l-intenzjoni li jġorr dan l-iskart jew li jagħmel arranġament biex jingarr għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet

[1] ĠU L 92, tas-7.4.1990, pġ. 52.
[2] ĠU L 363, tal-31.12.1976, pġ. 1. Ir-Regolament emendat bir-Regolament (Euratom) Nru 220/90 (ĠU L tat-22, tas-27.1.1990, pġ. 56).

kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini. Dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu din l-applikazzjoni għall-approvazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni, u tal-pajjiż jew pajjiżi ta' transitu jekk ikun il-każ.

Għal dan l-iskop għandhom jużaw id-dokument *standard* imsemmi fl-Artikolu 20.

Il-fatt li jintbagħat dak id-dokument ma għandu jkollu ebda effett fuq id-deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 5

1. Kull applikazzjoni tista' tintbagħat għal iktar minn konsenja waħda, fejn:

— l-iskart radjoattiv li tirreferi għalih ikollu essenzjalment l-istess karatterisitiċi fiżiċi, kimiċi u radjoattivi, u

— l-ispedizzjoni tkun se ssir mill-istess detentur għall-istess destinatarju u jinvolvi l-istess awtoritajiet kompetenti, u

— l-ispedizzjoni tinvolvi pajjiżi terzi, u t-transitu jkun se jsir permezz ta' l-istess posta fuq il-fruntiera għad-dħul fil- u/jew ħruġ mill-Komunità u permezz ta' l-istess posta fuq il-fruntiera tal-pajjiż jew pajjiżi terzi kkonċernati, sakemm l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jkunux ftehmu mod ieħor.

2. L-awtorizzazzjoni tkun valida għal perjodu ta' mhux iktar minn tliet snin.

Artikolu 6

1. Mhux iktar tard minn xahrejn wara li jirċievu l-applikazzjoni mimlija kif għandha tkun, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni u ta' kull pajjiż ta' transitu għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini bl-approvazzjoni tagħhom jew bil-kondizzjonijiet li huma jqisu meħtieġa jew bir-rifjut ta' l-approvazzjoni.

Għal dan l-iskop għandhom jużaw id-dokument standard imsemmi fl-Artikolu 20.

2. Kull kondizzjoni magħmula mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kemm jekk ikunu l-pajjiżi ta' transitu kemm jekk ta' destinazzjoni, ma tistax tkun iktar stretta minn dawk stabbiliti għal spedizzjoni simili ġewwa dawn l-Istati u għandha tikkonforma mal-ftehim internazzjonali eżistenti

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet skond l-Artikolu 3 għal kull rifjut ta' approvazzjoni, jew għall-kondizzjonijiet stabbiliti għall-approvazzjoni.

3. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni jew ta' kull pajjiż ta' transitu jistgħu jitolbu perjodu ieħor ta' mhux iktar minn xahar b'żieda mal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 biex jiddikjaraw il-posizzjoni tagħhom.

4. Jekk wara li jgħaddu l-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 u, jekk ikun il-każ, fil-paragrafu 3, ebda tweġiba ma tkun waslet mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni u/jew tal-pajjiżi maħsuba għat-transitu, dawn il-pajjiżi għandhom jitqiesu li taw l-approvazzjoni tagħhom għall-ispedizzjoni mitlub, sakemm ma jkunux infurmaw lill-Kummissjoni, skond l-Artikolu 17, li ma jaċċettawx din il-proċedura ta' approvazzjoni awtomatika b'mod ġenerali.

Artikolu 7

Jekk ikunu ngħataw l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ispedizzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikollhom id-dritt li jawtorizzaw lid-detentur ta' l-skart radjoattiv jikkonsenjah u jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni, u tal-pajjiż jew pajjiżi ta' transitu jekk ikun il-każ.

Għal dan l-iskop, għandhom jużaw id-dokument standard imsemmi fl-Artikolu 20. Kull ħtiega addizzjonali għal din l-ispedizzjoni għandha tigi miżjuda ma' dan id-dokument.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tkun bla ħsara għar-responsabbiltà tad-detentur, tat-traportatur, tas-sid, jew tad-destinatarju jew ta' kull persuna naturali jew guridika oħra involuta fl-ispedizzjoni.

Artikolu 8

Bla ħsara għal kull dokument ieħor meħtieg skond disposizzjonijiet legali oħra relevanti, id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 4 u 6 għandhom jintbagħtu ma' kull konsenja koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi l-każijiet ta' approvazzjoni għal iktar minn konsenja waħda msemmija fl-Artikolu 5.

Fejn l-ispedizzjoni ssir bil-ferrovija, dawn id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi kollha kkonċernati.

Artikolu 9

1. Fi żmien 15-il jum wara li jkun ircieva l-iskart radjoattiv, id-destinatarju għandu jibgħat dikjarazzjoni ta' ricevuta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tiegħu billi juża d-dokument standard imsemmi fl-Artikolu 20.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni għandhom jibagħtu kopji tad-dikjarazzjoni lill-pajjiżi l-oħra involuti fl-ispedizzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini għandhom jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-detentur oriġinali.

TITOLU III

Importazzjoni u esportazzjoni li tirrigwarda l-Komunità

Artikolu 10

1. Meta skart kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ikun se jidħol fil-Komunità minn pajjiż terz u l-pajjiż ta' destinazzjoni huwa Stat Membru, id-destinatarju għandu jissottometti applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet

kompetenti ta' dan l-Istat Membru billi juża d-dokument *standard* imsemmi fl-Artkolu 20. Id-destinatarju għandu jaġixxi bħala d-detentur u l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni għandhom jaġixxu daqs li kieku kienu l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini msemmija fit-Titolu II fir-rigward tal-pajjiż jew pajjiżi ta' transitu.

2. Meta skart kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jkun se jidħol fil-Komunità minn pajjiż terz u l-pajjiż ta' destinazzjoni ma jkunx Stat Membru, l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jkun l-ewwel punt tad-dħul fil-Komunità għandu jitqies bħala l-pajjiż ta' oriġini għall-iskopijiet ta' din il-konsenja.

3. Fir-rigward ta' spedizzjoni kopert mill-paragrafu 1, id-destinatarju maħsub tal-konsenja ġewwa l-Komunità, u fir-rigward ta' spedizzjoni kopert mill-paragrafu 2, il-persuna ġewwa l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jkun l-ewwel punt tad-dħul fil-Komunità, li għandha r- responsabbiltà għall-maniġġjar ta' l-ispedizzjoni ġewwa dan l-Istat Membru, għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tagħha biex jistgħu jinbdew il-proċeduri xierqa.

Artikolu 11

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw l-ispedizzjoni:

1. lejn:
   (a) destinazzjonijiet in-nofsinhar ta' latitudini 60° in-nofsinhar ta' l-ekwatur;
   (b) Stat mhux Komunitarju li huwa parti mir-Raba' Konvenzjoni ACP-KEE, filwaqt li jitqies, madankollu, l-Artikolu 14;

2. jew lejn pajjiż terz li, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini, skond il-kriterji msemmija fl-Artikolu 20, ma għandux ir-riżorsi tekniċi, legali jew amministrattivi biex jimmaniġġja fiż-żgur l-iskart radjoattiv.

Artikolu 12

1. Meta l-iskart radjoattiv ikun se jigi esportat mill-Komunità għal pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jikkuntattjaw lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' destinazzjoni dwar din l-ispedizzjoni.

2. Jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha meħtiega għall-ispedizzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandu jawtorizza d-detentur ta' l-iskart radjoattiv jikkonsenjah u għandu jinforma lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' destinazzjoni dwar dan l-ispedizzjoni.

3. Din l-awtorizzazzjoni għandha tkun bla ħsara għar-responsabbiltà tad-detentur, tat-trasportatur, tas-sid, tad-destinatarju jew ta' kull persuna naturali jew guridika oħra mdaħħla fl-ispedizzjoni.

4. Għall-iskop ta' l-ispedizzjoni, għandhom jigu wżati d-dokumenti *standard* imsemmija fl-Artikolu 20.

5. Id-detentur ta' l-iskart radjoattiv għandu fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-wasla ta' l-iskart fid-destinazzjoni tiegħu fil-pajjiż terz jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini b'dan u għandu jindika l-aħħar dwana fil-Komunità li minnha tkun għaddiet il-konsenja.

6. Din in-notifika għandha tkun issostanzjata b'dikjarazzjoni jew attestazzjoni tad-destinatarju ta' l-skart radjuattiv li tgħid li l-iskart wasal fid-destinazzjoni proprja tiegħu u li tindika d-dwana tad-dħul fil-pajjiż terz.

TITOLU IV

L-ispedizzjoni lura

Artikolu 13

Meta sors issiġillat jitreġġa' lura mill-utent tiegħu lill-fornitur ta' dan is-sors f'pajjiż ieħor, l-ispedizzjoni tiegħu ma għandux jidħol fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Iżda, din l-eżenzjoni ma għandhiex tapplika għal sorsi ssiġillati li fihom materjal fissili.

Artikolu 14

Din id-Direttiva għandhiex taffettwa d-dritt ta' Stat Membru jew impriża fl-Istat Membru fejn l-iskart ikun se jigi esportat għall-proċessar li jibagħtuh lura wara t-trattament lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Lanqas ma għandha taffettwa d-dritt ta' Stat Membru jew impriża fi Stat Membru fejn fjuwil nukleari rradjat ikun se jigi esportat għar-riproċessar li jibagħtu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini skart u/jew prodotti oħra tal-ħidma tar-riproċessar.

Artikolu 15

1. Meta l-ispedizzjoni ta' skart radjoattiv ma jistax jigi mitmum jew jekk il-kondizzjonijiet ta' l-ispedizzjoni ma jitħarsux skond id-disposizzjonijiet taħt it-Titolu II, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw li dan l-skart radjoattiv jittieħed lura mid-detentur ta' l-iskart.

2. Fil-każ ta' spedizzjoni ta' skart radjoattiv minn pajjiż terz għal destinazzjoni ġewwa l-Komunità, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jiżguraw li d-destinatarju ta' l-iskart jinnegozja klawsola mad-detentur ta' l-iskart stabbilit fil-pajjiż terz li tobbliga lid-detentur jieħu lura l-iskart meta l-ispedizzjoni ma jistax jigi mitmum.

Artikolu 16

L-Istat Membru jew l-Istati Membri li approvaw it-transitu tal-konsenja inizjali ma jistgħux jirrifjutaw li japprovaw l-ispedizzjoni lura fil-każijiet imsemmija:

— fl-Artikolu 14, jekk l-ispedizzjoni lura jikkonċerna l-istess materjal wara t-trattament jew riproċessar u jekk il-leġislazzjoni relevanti kollha tkun irrispettata,

— fl-Artikolu 15, jekk l-ispedizzjoni lura isir bl-istess kondizzjonijiet u bl-istess speċifikazzjonijiet.

TITOLU V

Disposizzjonijiet proċedurali

Artikolu 17

Mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1994 l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-isem(ismijiet) u l-indirizz(i) ta' l-awtoritajiet kompetenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tista' ssir komunikazzjoni b'ħeffa ma' dawn l-awtoritajiet; għandhom ukoll jikkomunikaw, jekk ikun il-każ, li ma jaċċettawx il-proċedura ta' approvazzjoni awtomatika msemmija fl-Artikolu 6(4).

L-Istati Membri għandhom iwasslu regolarment lill-Kummissjoni kull tibdil f'din l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni, u kull tibdil fiha, lill-awtoritajiet kompetenti kollha fil-Komunità.

Artikolu 18

Kull sentejn, u għall-ewwel darba fil-31 ta' Jannar 1994, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Għandhom iżidu ma' dawn ir-rapporti tagħrif dwar is-sitwazzjoni fir-rigward ta' spedizzjoni ġewwa t-territorji rispettivi tagħhom.

Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport sommarju għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu 19

Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna fl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 18 u 20 minn Kumitat ta' natura konsultattiva magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu. F'temma taż-żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni, il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, jekk meħtieġ billi ssir votazzjoni.

L-opinjoni għandha tkun innotata fil-minuti; barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt jitlob li l-posizzjoni tiegħu tkun innotata fil-minuti.

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar konsiderazzjoni lill-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Għandha tinforma lill-Kumitat bil-manjiera li biha l-opinjoni tagħha tkun tqieset.

Artikolu 20

Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19 għandha tapplika b'mod partikolari għal:

— il-preparazzjoni u possibbilment l-aġġornament tad-dokument *standard* ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni imsemmi fl-Artikolu 4,

— il-preparazzjoni u possibbilment l-aġġornament tad-dokument *standard* ta' l-għoti ta' l-approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(1),

— il-preparazzjoni u possibbilment l-aġġornament tad-dokument *standard* tad-dikjarazzjoni tar-ricevuta msemmi fl-Artikolu 9(1),

— it-tqegħid ta' kriterji li jippermettu lill-Istati Membri li jistmaw jekk il-ħtigiet ta' l esportazzjoni ta' l-iskart radjoattiv ikunux sodisfatti kif ipprovdut fl-Artikolu 11(2),

— il-preparazzjoni għar-rapport sommarju imsemmi fl-Artikolu 18.

TITOLU VI

Disposizzjonijiet finali

Artikolu 21

1. L-Istati Membri għandhom idahhlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1994. Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta Stati Membri jadottaw il-miżuri imsemmi fil-paragrafi 1, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jinkludu din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ufficjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom jigu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat b'din id-Direttiva.

Artikolu 22

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-3 ta' Frar 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

João PINHEIRO